



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2015

15071/15

SOC 711
EMPL 464

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Fi:	7 ta' Diċembru
Lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. preċ.:	13766/15 SOC 643 EMPL 423
Suġġett:	Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2015)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, adottati mill-Kunsill (EPSCO) fit-3434 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2015.

Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

1. L-ekonomija soċjali, li tgħaqqad varjetà kbira u rikka ta' forom ta' organizzazzjoni ffurmati minn kuntesti nazzjonali u ta' protezzjoni soċjali differenti li għandhom, madankollu, l-istess valuri, karatteristiċi u għanijiet, tlaqqa' l-attivitajiet ekonomiċi sostenibbli b'impatt soċjali pożittiv, filwaqt li tqabbel l-oġġetti u s-servizzi mal-ħtiġijiet. Din għandha rwol importanti fit-trasformazzjoni u l-evoluzzjoni tas-soċjetajiet kontemporanji, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-ekonomiji u b'hekk tikkontribwixxi sostanzjalment għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u uman madwar l-Ewropa u lil hinn minnha u tissupplimenta s-sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti f'bosta Stati Membri.
2. L-ekonomija soċjali tikkontribwixxi wkoll għal diversi objettivi prinċipali tal-UE, inkluża l-kisba ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, impjiegi ta' kwalità għolja, koeżjoni soċjali, innovazzjoni soċjali, żvilupp lokali u reġjonali u protezzjoni ambjentali. Din hi wkoll għodda importanti li tikkontribwixxi biex tiżgura l-benesseri tan-nies. Saħansitra aktar importanti minn hekk, l-ekonomija soċjali hi settur li ffaċċa u rkupra mill-kriżi ekonomika ħafna aħjar minn setturi oħrajn u qed tikseb dejjem aktar rikonoxximent fil-livell Ewropew¹.
3. F'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija soċjali kisbet dejjem iktar viżibbiltà politika bħala settur li jikkostitwixxi pilastru importanti b'mod partikolari b'rabta mal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali madwar l-Ewropa kollha u li għandu wkoll rwol ewlieni fil-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

¹ Rapport CIRIEC (2012): The social economy in the European Union (L-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea)

4. Diġà fl-2009, il-Parlament Ewropew adotta Rizzoluzzjoni li rrikonoxxiet l-ekonomija soċjali bħala operatur ewlieni għat-twettiq tal-oġettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona.²
5. Fil-Komunikazzjoni tagħha, "Lejn Att dwar is-Suq Uniku - Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna - 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin"³, il-Kummissjoni ddikjarat b'mod ċar li l-ewwel deċennju tas-snin 2000 wera l-potenzjal innovattiv kbir ħafna tal-ekonomija soċjali madwar l-Ewropa u lil hinn minnha u enfasizza l-kontribut ta' dan is-settur biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi għal problemi soċjoekonomiċi kbar, li ħafna minnhom jirriżultaw mill-esklużjoni soċjali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.
6. L-Istrateġija ta' Ruma tal-2014⁴ identifikat l-oqsma fejn jinħtieġ intervent skont id-diversi atturi li ħadmu biex jippromwovu t-tixrid u t-tisħiħ tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa.
7. Filwaqt li jikkonsolidaw l-aspetti pożittivi ta' tradizzjoni twila ta' ekonomija soċjali, l-intraprendituri soċjali qed jippromwovu bidla u jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi kbar li qed taffaċċja l-Unjoni Ewropea f'dan il-mument.
8. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jirreferu għal grupp ta' organizzazzjonijiet ibbażati fuq l-importanza prijoritarja tal-persuni fuq il-kapital u jinkludu forom ta' organizzazzjoni bħal kooperattivi, intrapriżi mutwi, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet kif ukoll forom aktar ġodda ta' intrapriżi soċjali⁵ u jistgħu jitqiesu bħala mezzi biex tinkiseb il-koeżjoni soċjali u ekonomika madwar l-Ewropa kollha, peress li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ekonomija soċjali tas-suq pluralistika u reżiljenti. Filwaqt li jaġixxu fl-interess ġenerali, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali joħolqu impjiegi, jipprovdu servizzi u prodotti soċjalment innovattivi, jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali u jippromwovu ekonomija aktar sostenibbli u aktar ibbażata lokalment. Dawn huma bbażati fuq prinċipji ta' solidarjetà u responsabbilizzazzjoni.

² Ir-Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 2009 (2008/*2250 (INI))

³ COM(2010) 608 final.

⁴ Kif adottata taħt il-Presidenza Taljana, fit-18 ta' Novembru 2014.

⁵ Il-kunċett ta' 'intrapriża soċjali' għandu jinftehem b'mod simili għar-Regolament dwar l-EaSI (ĠU L 347/238, 20.12.2013).

9. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma atturi ekonomiċi li għandhom bħala għan ewlieni li joħolqu impatt soċjali pożittiv. Min-natura tagħhom stess, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jużaw il-biċċa l-kbira tal-profitti possibbli tagħhom bħala mezz biex jiksbu l-oġettivi soċjali primarji tagħhom, pjuttost milli biex jimmassimizzaw il-profitti għas-sidien u l-azzjonisti tagħhom. L-attivitajiet tagħhom jiddependu primarjament, iżda mhux esklużivament, fuq mudelli ta' negozju b'dividend limitat, fejn il-biċċa l-kbira tas-surplus tagħhom tiġi investita mill-ġdid fl-iżvilupp ulterjuri tal-attività tagħhom.
10. L-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali⁶ tal-Kummissjoni stabbilixxiet pjan ta' azzjoni komprensiv b'appoġġ għall-innovazzjoni soċjali u biex tgħin tinholq klima li tiffavorixxi lill-intrapriżi soċjali, fi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri u diversi partijiet ikkonċernati. Din l-Inizjattiva identifikat tliet linji ta' azzjoni li jistgħu jagħmlu differenza reali u jtejbju s-sitwazzjoni fil-post għall-intrapriżi soċjali: li jitjieb l-aċċess għal finanzjament, li tingħata iktar viżibbiltà lill-intrapriżi soċjali u li jsir l-aħjar użu mill-ambjent legali.
11. Il-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-2013⁷ kien ta' gwida għall-Istati Membri rigward politiki soċjali aktar effiċjenti u effettivi u afferma mill-ġdid li l-investment soċjali jittratta l-investment fin-nies sabiex jissaħħu l-ħiliet u l-kapaċitajiet tan-nies u biex dawn jingħataw għajnuna biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-impjiegi u l-ħajja soċjali. Fi żmien meta l-Ewropa qed tiffaċċa sfidi enormi b'rabta mal-qgħad u l-esklużjoni soċjali kif ukoll tibdil demografiku, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-prospetti attwali u futuri tan-nisa u tal-irġiel kemm fis-soċjetà kif ukoll fis-suq tax-xogħol.
12. Fid-Dikjarazzjoni ta' Strasburg⁸, kien hemm aktar minn 2 000 parti kkonċernata, inklużi dawk li jfasslu l-politika, l-intraprendituri soċjali u dawk li jappoġġaw l-intrapriżi soċjali, li jirrappreżentaw id-diversità wiesgħa tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, li affermaw mill-ġdid li jeħtieġ li l-intrapriżi soċjali jaqdu rwol iktar importanti fil-ġejjieni tal-Ewropa filwaqt li identifikaw ideat u azzjonijiet ġodda biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom għall-promozzjoni tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

⁶ COM(2011) 682

⁷ COM(2013) 83 final.

⁸ "L-għoti tas-setgħa lill-intraprendituri soċjali għall-innovazzjoni, it-tkabbir inklużiv u l-impjiegi" adottata fis-16/17 ta' Jannar 2014.

13. Id-Dikjarazzjoni ta' Milan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁹ dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-UE, fasslet sensiela ta' proposti u rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar appoġġ effettiv għall-politika dwar l-innovazzjoni soċjali u l-investment soċjali. B'mod partikolari, id-dikjarazzjoni tgħid li l-Istat u l-awtoritajiet pubbliċi iġġenerali għandhom ir-responsabilità aħħarija li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess indaqs u universali għal standard għoli ta' protezzjoni soċjali, u li l-għoti tagħha fit-tieni linja huwa tipikament komplementari, u mhux sostitut għall-għoti tagħha fl-ewwel linja u jew l-għoti tagħha mill-istat.
14. Ir-Risoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fl-2015 enfasizzat ir-rwol tal-Intraprenditorija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad¹⁰.
15. Il-Pjan Direzzjonali tal-Presidenza Lussemburgiża dwar it-tisħiħ tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa¹¹ jiffoka b'mod partikolari fuq l-iżvilupp ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' "ekosistema" komprensiva għall-ekonomija soċjali fl-Ewropa. Dan jagħmel enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata ekosistema finanzjarja adegwata li tkun kapaċi tipprovdi appoġġ effettiv għall-innovazzjoni soċjali.
16. Id-dibattitu internazzjonali dwar l-iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà qed jikber u jista' jikkontribwixxi għat-tfassil tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-AMBITU TAL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U BIR-RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

⁹ "Tisħiħ tal-innovazzjoni għal riżultat soċjali aħjar" (adottata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-23 ta' Ottubru 2014).

¹⁰ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Lulju 2015 (2014/*2236 (INI))

¹¹ Dan għandu jiġi adottat fl-4 ta' Diċembru 2015 qabel il-Kunsill EPSCO ta' Diċembru.

17. Jistabbilixxu, jimplimentaw u jkomplu jiżviluppaw, kif adatt, strateġiji u programmi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u/jew lokali għat-tisħiħ tal-ekonomija soċjali, l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali. Id-diversi strateġiji u programmi għandhom ikunu bbażati fuq djalogu kostruttiv bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u/jew lokali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Fil-qasam tal-għarfien, ir-rikonoxximenti u l-edukazzjoni:

18. Itejbu l-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali, fejn rilevanti permezz tal-iżvilupp ta' sħubiji, sabiex jiġi żgurat biżżejjed għarfien għat-tfassil tal-politika u rikonoxximent aħjar tal-attivitajiet imwettqa mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u l-impatt li jiġġeneraw għas-soċjetà.
19. Jagħmlu sforzi biex ikomplu jiddokumentaw il-kontribut effettiv tal-ekonomija soċjali għall-aggregati makroekonomiċi ewlenin. Peress li kull politika għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza, l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kontijiet satellita fl-istatistika rispettiva tagħhom bil-għan li jistabbilixxu l-kontribut effettiv tal-ekonomija soċjali għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.
20. Iqisu kif l-aħjar li jitwettaq monitoraġġ tal-progress fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali, bl-użu ta' indikaturi soċjali eżistenti bbażati fuq l-attivazzjoni, ir-responsabbilizzazzjoni u l-involviment tal-komunità, billi jagħmlu użu minn rapporti strateġiċi rilevanti ppreżentati lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
21. Fejn adatt, jippromwovu inizjattivi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex itejbu l-għarfien u l-kuxjenza ta' dawk li jfasslu l-politika, l-impjegati taċ-ċivil u l-professjonisti dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u dwar l-opportunitajiet li jeżistu fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn l-ekonomija soċjali għadha ma ġietx żviluppata biżżejjed. F'dan il-kuntest, hu rilevanti wkoll li jsir użu minn ħiliet diġitali u kompetenzi diġitali.

22. Ikomplu jiżviluppaw u jappoġġaw id-disseminazzjoni tal-ġharfien u l-esperjenza dwar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jwaqqgħu l-ostakli artifiċjali possibbli u jappoġġaw il-kisba ta' ekonomiji ta' skala, pereżempju permezz ta' networks nazzjonali u Ewropej. Barra minn hekk, in-networks u l-iskambju ta' esperjenzi li jkunu effettivi għandhom jissaħħu aktar mal-pajjiżi żviluppati u dawk emerġenti.
23. Jagħtu attenzjoni speċjali, fejn ikun rilevanti, għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' mezzi effettivi kif iż-żgħażaġh jiġu involuti fl-ekonomija soċjali, pereżempju billi jhegħu l-inklużjoni ta' temi relatati mal-ekonomija soċjali fil-kurrikuli u l-attivitajiet fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu magħhom għandhom jiġu mhegħa jużaw l-opportunitajiet mogħtija minn Erasmus+ u programmi oħra għal internati madwar l-Ewropa, biex b'hekk jagħtu l-possibbiltà liż-żgħażaġh li jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi speċifiċi kif ukoll li jtejbu l-fehim tagħhom tal-ekonomija soċjali filwaqt li jiżviluppaw il-ħiliet u l-ġharfien tagħhom.

Fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali:

24. Irawmu b'mod aktar sistematiku l-użu tal-innovazzjoni soċjali għal riżultati soċjali aħjar fl-aġendi Ewropej u nazzjonali permezz ta' konnessjonijiet aħjar bejn l-oqsma ta' politika differenti, li jiffavorixxu approċċi integrati, u l-promozzjoni ta' sħubiji b'ambitu usa' fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti. Bl-istess mod, dan l-iżvilupp ta' politika għandu jsaħħaħ il-pożizzjoni kemm tal-benefiċjarji individwali kif ukoll tal-komunitajiet lokali, u għandu jimplimenta l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimmiraw għal politiki u strumenti ewlenin, bħall-Programmi Orizzont 2020, il-fondi strutturali u inizjattivi ta' politika dwar regolamentazzjoni aħjar tal-UE, li għandhom jintużaw b'mod effettiv b'appoġġ għall-innovazzjoni soċjali u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
25. Ikomplu jiżviluppaw ekosistema adegwata għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom bħala katalisti tal-innovazzjoni soċjali. Jagħtu attenzjoni speċjali wkoll lill-iżvilupp ta' ċentri, inkubaturi, aċċelleraturi u mekkaniżmi oħra ta' skalar għall-intrapriżi soċjali.

26. Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom, fejn xieraq, iwettqu monitoraġġ mill-qrib tal-impatt, it-trasferibbiltà u l-kontributi tas-sħubiji l-ġodda għall-innovazzjoni soċjali, filwaqt li jirrikonoxxu u jappoġġaw ir-rwoli rispettivi tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet soċjalment innovattivi.

Fil-qasam tal-ambjent regolatorju:

27. Jirrikonoxxu l-importanza ta' oqfsa legali sodi u komprensivi meta jkun qed jiġi żviluppat il-potenzjal tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jimmassimizzaw l-impatt soċjali pożittiv tagħhom b'rabta mat-tkabbir u l-impjiegi.
28. Fejn xieraq, ifasslu politiki speċifiċi adattati għall-kuntest nazzjonali b'mod partikolari bil-għan li r-rikkezza u d-diversità tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bbażati lokalment, jiġu sfruttati b'mod sħiħ. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw l-istrumenti regolatorji tagħhom stess, b'mod li jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi tal-intrapriżi lokali tal-ekonomija soċjali.
29. Fejn xieraq, ifasslu inċentivi adattati għall-kuntest nazzjonali sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.
30. Jieħdu nota tal-possibbiltajiet mogħtija skont id-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jinkoraġġixxu li jinxtred l-għarfien dwar dawn il-possibbiltajiet fost l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
31. Jappoġġaw kooperazzjoni kummerċjali ġusta u normali fost l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u intrapriżi aktar tradizzjonali li għandhom skop ta' qligħ, pereżempju billi jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' negozji ġodda ta' "intraprenditorija" soċjali fi ħdan kumpanniji tradizzjonali. Minbarra l-akkwist pubbliku, jista' jingħata appoġġ speċifiku biex jiġu żviluppati relazzjonijiet kostruttivi u sostenibbli ta' akkwist privat.

Fil-qasam tal-aċċess għal finanzjament:

32. Janalizzaw liema strumenti finanzjarji huma l-aktar xierqa u jippromwovu t-tixrid tagħhom fil-livelli kollha sabiex tiġi stabbilita ekosistema finanzjarja komprensiva u biex jippermettu l-iżvilupp u t-tkabbir tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
33. Jipprovdu aċċess, jagħmlu disponibbli u jippubblikaw informazzjoni, fejn rilevanti permezz tal-iżvilupp ta' sħubiji, dwar possibbiltajiet ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Fejn xieraq, jissimplifikaw ir-rekwiżiti organizzattivi u amministrattivi biex b'hekk jippermettu li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti, jibdew bl-attivitajiet tagħhom.
34. Jikkunsidraw il-ħtieġa li jistabbilixxu u jiżviluppaw skemi ta' garanzija speċifiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-averżjoni tal-investituri għal riskji għolja, li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur għal kapital fuq terminu twil, u jappoġġaw kemm l-intrapriżi eżistenti tal-ekonomija soċjali kif ukoll in-negozji ġodda soċjalment innovattivi. Iżommu f'moħħhom li l-investituri li huma soċjalment responsabbli jistgħu jkunu lesti jaċċettaw redditu iktar baxx fuq l-investimenti tagħhom meta joffru appoġġ lil intrapriżi tal-ekonomija soċjali, peress li dawn jagħtu valur lill-impatt soċjali u mhux biss lir-redditu finanzjarju, dment li jkunu fis-seħħ il-mekkaniżmi istituzzjonali adatti biex jitnaqqas ir-riskju perċepit marbut magħhom.
35. Jagħmlu użu attiv mill-istrumenti tal-UE bħall-Fondi SIE, il-programm EaSI u Orizzont 2020, sabiex tinbena l-kapaċità ta' investment tal-intermedjarji rilevanti u t-tnejjija għall-investimenti tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
36. Jinkoraġġixxu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi privati fl-ekwità jew il-kważi ekwità bħala mezz biex jitrawwem it-tkabbir tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
37. Fejn ikun xieraq, jappoġġaw il-ħolqien ta' intrapriżi innovattivi u adatti, anke fil-forma ta' proġetti ta' akkwizzizzjoni maġġoritarja mill-ħaddiema.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

38. Fil-qafas tar-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020, tikkunsidra l-politiki dwar l-ekonomija soċjali, l-innovazzjoni soċjali u l-investment soċjali.
39. Tappoġġa t-tkabbir tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa permezz tat-tixrid ta' prattiki tajbin u l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz tal-kondiviżjoni ta' esperjenzi prattiċi.
40. Tippromwovi u tappoġġa l-ekonomija soċjali vis-à-vis l-awtoritajiet nazzjonali u lokali f'pajjiżi fejn ir-rati tal-qgħad huma għoljin, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġħ, in-nisa u gruppi vulnerabbli.
41. Tappoġġa proposti konkreti biex jiġu stabbiliti evalwazzjonijiet bejn il-pari rigward politiki u miżuri dwar l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija soċjali. L-evalwazzjonijiet bejn il-pari jistgħu jappoġġaw l-iskambju ta' esperjenzi u t-trawwim tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, inkluż, fejn rilevanti dwar il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali b'appoġġ għall-ekonomija soċjali, dejjem b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet nazzjonali.

JINKORAĠĠIXXI LILL-INTRAPRIŻI TAL-EKONOMIJA SOĊJALI U LILL-INTRAPRENDITURI SOĊJALI BIEX:

42. Jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-iżvilupp ta' politiki u strateġiji għall-Ewropa kollha li jippromwovu s-settur tal-attivitajiet tagħhom. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-intraprendituri soċjali għandhom huma stess jieħdu aktar inizjattivi biex jiżviluppaw l-għarfien u l-viżibbiltà tas-settur tagħhom u l-impatt tiegħu, kif ukoll il-kooperazzjoni diretta bejniethom, mal-awtoritajiet pubbliċi u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.
43. Jikkonċentraw fuq l-oġettivi soċjali billi jinkorporaw kultura u metodi adatti ta' intraprenditorija, filwaqt li jkomplu jtejbu r-rappreżentanza tan-nisa u ż-żgħażaġħ fil-governanza, jiffavorixxu l-proċess ta' innovazzjoni u ta' esperimentazzjoni u jrawmu l-kultura ta' evalwazzjoni.